**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 124/2015 DMA**

**Jonathan Vella**
**ID. 258374(M)**
**Vs**
**Muscat Motors Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentata fis-16 ta' Frar, 2015 fejn l-attur talab li hu ha l-vettura tieghu ghand Muscat Motors Ltd sabiex isirulha xi tiswijiet  u li fill-fatt hekk sar.

Illi meta l-attur ha lura l-vettura tieghu dan sab li kellha aktar hsarat u b' hekk rega' hadha lura ghand Muscat Motors Ltd.

Illi l-attur ha l-vettura tieghu sabiex isir tiswija ta' *part* wahda izda fil-perjodu li din il-vettura kienet ghand Muscat Motors Ltd garbet hsarat ohra.

Illi l-attur ma lahaqx ftehim sabiex tinbidel *part* ohra billi mhux ser ihallas spejjes minhabba nuqqasijiet li setghu saru minn naha ta' Muscat Motors Ltd.

Illi ghalhekk gew intavolati dawn il-proceduri.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fit- 13 ta' Marzu, 2015 fejn eccepiet illi l-hsarat kollha li kellha l-vettura tal-attur huma hsarat li diga kellha meta ha l-vettura ghand is-socjeta' konvenuta, u li hargu hekk kif saru x-xoghlijiet fuq l-istess vettura.

Illi s-socjeta' konvenuta ma kkawzat ebda hsara fil-vettura. Dawn il-hsarat gew ikkawzati rizultat tal-uzu tal-vettura mill-istess attur jew mis-sid jew sidien precedenti tal-istess vettura kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-Kawza.

Illi ghalhekk, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Gew prezentati affidavit tal-attur kif ukoll xehed *viva voce* fejn spjega l-hsara li garrab.

Xehed ukoll Stephen Buhagjar, il-mechanic li hadem fuq il-vettura wara li harget minghand is-socjeta' konvenuta, Muscat Motors Ltd.

Xehed ukoll rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li spjega l-procedura kif saru t-tiswijiet fuq il-vettura tal-attur kif ukoll xehed il-mechanic innifsu li hadem fuq il-vettura tal-attur waqt li kienet ghand is-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal wara li semgha l-provi mressqa quddiemu huwa tal-fehma illi l-attur naqas milli jipprova illi l-hsara li kellha l-vettura sussegwentement li kienet ghand Muscat Motors Ltd. Naqas milli jipprova li Muscat Motors Ltd kienu responsabbli tal-hsara sussegwenti. Inoltre l-attur ma pprovdiex ricevuti bizzejjed biex jissustanzja l-kawza tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**